MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2010

Numru. 725/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDMUND CUSCHIERI**
**KONTRA**

**GUZEPPI CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Guzeppi Camilleri ta’ 62 sena, bin Anglu Camilleri u Carmela Dimech, mwieled nhar it- 8 ta’ Frar 1948 f’ San Pawl il- Bahar, residenti fil- fond Qalb ta’ Gesu, Triq Manwel Bonnici, Burmarrad u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar is- 7 ta’ Awwissu 2008 ghall- habta tas-6.00am gewwa Triq Patri Wistin Magro, Burmarrad, bil-hsieb li jikkommetti delitt wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni ta’ dan id- delitt billi ttanta li jikkaguna ferita gravi fuq il- persuni ta’ ibnu Raymond Camilleri minn Burmarrad liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali jew mill- volonta’ Zammit u dan ai termini tal- Artikoli 41, 214, 216 (1) (a) (b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

2) U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti hfief fuq il- persuna ta’ ibnu Raymond Camilleri minn Burmarrad, skond kif iccertifika Dr. Attard Biancardi MD u dan ai terminu tal- Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

3) U aktar talli fl- istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebba ghal ibnu Raymond Camilleri sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu l- hsara u dan bi kusr tal-Artikolu 339 (d) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

4) U aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi gewwa Burmarrad volontarjament kiser il- bon ordni jwe il-kwiet pubbliku b’ ghajjat u glied u dan bi ksur tal- Artikolu 338 (dd) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

5) U aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi gewwa Burmarrad hedded lill- istess ibnu Raymond Camilleri bi strument iniggez u bil- ponta (turnavit). U aktar talli fl- istess lok, data, hin u cirkostanzi u fil- granet ta’ qabel anke fi bnadi ohra tal- Gzejjer Maltin kien fil pussess u garr strumenti li jaqtghu u bil- ponta minghajr licenzja tal- Kummissarju tal- Pulizija u dan ai terminu tal- Artikolu 13 tal- Kapitolu 66 tal- Ligijiet ta’ Malta;

6) U aktar talli fl- istess lok, data, hin u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il- vettura FBC 445 ta’

ghamla Ford Transit, liema hsara teccedi l- €116.47 izda hija anqas minn €1164.47, u dan ghad- dannu ta' John Magro mil- Qrendi u dan ai terminu tal- Artikolu 325 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

7) U aktar talli fl- istess lok, data, hin u cirkostanzi saq vettura bin- numru tar- registrazzjoni IAB 631 tal- ghamla Zetor b' manjiera traskurata, negligenti u perikoluza;

8) Akkuzat ukoll talli fl- istes gurnata, hin, lok u cirkostanzi u fil- granet u xhur precedenti f' dawn il- Gzejjer b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiskru l- istess dispozizzjonijiet tal- Ligi, u gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, hu gab ruhu b' mod li ta fastidju lil martu Maria Dolores Camilleri, jew b' mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghall- martu Maria Dolores Camilleri u dan ai terminu tal- Artikoli 281A u 18 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

9) Akkuzat ukoll talli fl- istess gurnata, hin, lok u cirkostanzi u fil- granet u xhur precedenti f' dawn il- Gzejjer b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiskru l- istess dispozizzjonijiet tal- Ligi, u gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, hu gab ruhu b'mod li kkaguna lil martu Maria Dolores Camilleri tibza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l- propjeta' taghha, jew kontra l- persuna jew il- propjeta' ta' xi hadd mill- axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl- Artikolu 222(1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta u dan ai termini tal- Artikolu 251 (B) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-incident mertu ta' din il-kawza huwa wiehed ta' dizgwid familjari bejn l-imputat u ibnu, kif ukoll bejnu u l-mara tieghu. Il-kwistjoni kollha qamet ghar-raguni li Raymond Camilleri, iben l-imputat, ried li missieru jressaqlu vettura halli jkun jista' johrog l-ingenji tieghu mill-garaxx, u waqt li dawn il-vetturi u ingenji kienu qed jigu manuvrati mill-imputat, inqala' argument bejn l-imputat, il-mara tieghu Maria Dolores Camilleri u t-tifel taghhom Raymond u l-Pulizija mexxiet kontrihom kollha. Din il-kawza tittratta diversi imputazzjonijiet kontra l-missier.

Mill-provi prodotti l-Qorti hi tal-fehma li kien l-imputat li effettivament safa aggredit mill-membri tal-familja tieghu, u mhux il-kontra. Jista' jkun li l-imputat ma qaghadx jissokkombi biss dawn l-attakki verbali u fizici, izda bl-ebda mod ma tara li l-imputazzjonijiet kontra tieghu gew ippruvati. Fil-fehma tal-Qorti hu ghamel minn kollox biex jevita l-inkwiet u bl-ebda mod ma kompla d-dizgwid jew waqa' ghal xi provokazzjoni tal-familjari tieghu. Dan jirrisulta kemm mid-deposizzjoni tieghu kif ukoll mill-istqarrija li hu kien irrilaxxja. Ghaldaqstant il-Qorti ser tilliberah minn kull htija u piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 41, 214, 216 (1) (a) (b), 221, 339 (d), 338 (dd), 325, 251A, 18, 251 (B) u 383 (1) (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta u 13 tal- Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------